MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2010

Appell Kriminali Numru. 365/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Dr Mark Anthony Sammut**

**Il-Qorti**:

**1.** Din hi sentenza wara appell interpost mill-Avukat Generali minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha lliberat lill-imsemmi Mark Anthony Sammut mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Ghall-precizjoni, u kif ser naraw aktar il quddiem, l-Avukat Generali qed jappella biss riferibbilment ghal tlieta mis-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Sammut.

**2.** Fil-25 ta' April 2005 Mark Anthony Sammut (bin Francis Xavier u Catherine nee Cachia, imwieled fit-2 ta' Ottubru 1973, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 483973M) trassaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta)

bhala Qorti Istruttorja akkuzat talli (**i**) f’dawn il-Gzejjer, fit-23 ta’ April 2005 u matul ix-xhur precedenti, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond arma tan-nar (tal-marka MAB *semi-automatic hammerless*) u/jew munizzjon, (**ii**) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew f’idejh jew fuqu, l-imsemmija arma tan-nar u/jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, (**iii**) meta gie fil-pussess tal-imsemmija arma tan-nar u/jew munizzjon xort’ohra milli b’licenzja, naqas milli minnufih jaghti avviz taghhom lill-imsemmi Kummissarju, (**iv**) kien akkuzat ukoll illi fit-23 ta’ April 2005, ghall-habta tas-12.45 pm, gewwa l-bini tal-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, dahhal jew zamm f’zona ristretta, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-*Manager* tas-Sigurta` tal-Ajruport, l-imsemmija arma tan-nar u munizzjon; (**v**) fit-23 ta’ April 2005 fil-hin indikat fl-imputazzjoni precedenti, gewwa l-imsemmi Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fil-Gudja, minghajr awtorita` legittima jew skuza ragjonevoli, kellu fil-pussess tieghu oggett li ghalih japplika l-Artikolu 25 tal-Kap. 405, u cioe` l-imsemmija arma tan-nar u munizzjon; u fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa gie akkuzat ukoll talli (**vi**) fit-23 ta’ April 2005 fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta instab li kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu l-imsemmija arma tan-nar u hames balal taghha, li l-importazzjoni, il-pussess u l-esportazzjoni taghhom huma projbiti u/jew ristretti, liema oggetti kellhom valur totali ta’ Lm50.50, dazju Lm3.37,3, liema dazju ma kienx gie mhallas jew kawtelat, u li fuqhom kellha tithallas ukoll VAT ghall-ammont ta’ Lm9.69,7 liema taxxa wkoll ma kienitx giet imhallsa jew kawtelata. Fl-istess gurnata li huwa tressaq hekk arrestat, Sammut inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht garanzija. Fit-8 ta’ Awwissu 2005, l-Avukat Generali, permezz ta’ nota ta’ rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali (fol. 127), baghat il-kaz biex jigi gudikat mill-Qorti Inferjuri. Fl-udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2005 (fol. 145) l-imputat Sammut iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla u jigi deciz bi procedura

sommarja. F'dik l-istess udjenza l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq. Il-kaz tad-difiza dam jinstema' sad-9 ta' Mejju 2008 (fol. 394) – u dan principalment minhabba s-safar kostanti tal-imputat, illum appellat, Sammut, u s-sentenza inghatat, kif diga` nghad, fl-1 ta' Dicembru 2008.

**3.** L-appell ta' l-Avukat Generali hu limitat ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet, li jipotizzaw reati kontra l-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 66, kif din l-Ordinanza kienet fis-sehh fit-23 ta' April 2005 u fil-granet ta' qabel[1]. L-ewwel imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 66, it-tieni imputazzjoni tikkontempla r-reat fl-Artikolu 3(1A), filwaqt li t-tielet imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 9(1). L-Avukat Generali, fir-rikors ta' appell tieghu, bazikament jikkontendi li l-ewwel qorti malament applikat l-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali (dwar il-koazzjoni) kif ukoll il-*proviso* tas-subartikolu (1A) tal-imsemmi Artikolu 3.

**4.** Dwar il-fatti jista' jinghad li ma hemmx kontestazzjoni. L-appellat Dr Mark Anthony Sammut, li kien jipprattika ta' Nutar Pubbliku (illum jahdem il-Lussemburgu), darba minnhom ippresta s-servizzi tieghu, kif kien l-obbligu tieghu li jaghmel bhala ufficjal pubbliku, ghal kuntratt ta' bejgh u xiri ta' proprjeta' bejn, minn naha, certu Cristino Muscat u min-naha l-ohra Rosaria Xuereb u t-tifel taghha Noel Xuereb. Gara, pero`, li minhabba xi dikjarazzjoni, allegatament falza, li kien ghamel Muscat, inqalghu problemi dwar dan il-kuntratt u Noel Xuereb ippretenda li ghal dawn il-problemi kien responsabbli n-Nutar – l-appellat odjern – u beda jippretendi xi forma ta' risarciment minghandu. L-affari eskalat b'tali mod li Xuereb beda jhedded lill-appellat, u sahansitra heddu aktar minn darba anke li joqtlu. Minhabba dan it-theddid, li l-appellat hadu bis-serjeta` hafna anke minhabba li missier l-imsemmi Noel Xuereb ghandu reputazzjoni hazina hafna, l-appellat anke spicca biex marad. Ghalkemm incident minnhom ta' theddid huwa rrapurtah lill-Pulizija u dawn hadu passi bil-Qorti kontra l-imsemmi

[1] L-Att dwar l-Armi, Kap. 480, li ssostitwixxa l-Kap. 66, gie fis-sehh biss fil-15 ta' Awwissu 2006 – ara l-A.L. 173/2006.

Xuereb, spicca li Sammut tant hassu mhedded li addirittura huwa ma telax jixhed fil-proceduri kontra Xuereb, u allura dan gie liberat. Skond l-appellat, huwa qatt ma nghata l-protezzjoni mehtiega mill-Pulizija[2]. Darba minnhom, wara li kien fisser il-preokkupazzjonijiet tieghu ma' xi hbieb – li f'dawn il-proceduri baqghu innominati – persuna – li wkoll baqghet innominata – ghaddietlu l-pistola u l-munizzjoni li eventwalment instabu fit-23 ta' April 2005. Peress li, kif inghad, l-appellat kien ihossu mhedded serjament minn Xuereb, huwa ddecieda li jzomm din il-pistola bil-munizzjon ghandu biex, jekk jigi aggredit, ikun jista' jbezza' lil dak li jkun jew jiddefendi ruhhu. Din l-arma kien igorrha fil-*briefcase* tieghu kull fejn imur, u ghamel xi sena w nofs hekk igorrha qabel l-incident tat-23 ta' April 2005. F'din l-ahhar imsemmija data huwa kellu jhalli Malta mat-tfajla tieghu ghal btala. Billi halla l-ippakkjar li kellu jaghmel ghall-ahhar, spicca dahhal xi affarijiet, li ma setghux jidhlu fil-bagalja, fil-*breifcase*, u telaq bil-ghaggla mat-tfajla tieghu ghall-ajruport minghajr ma rrealizza li kien ghad ghandu l-pistola u l-munizzjoni fl-imsemmija *briefcase*. Meta gie biex jghaddi mill-i*scanning machines* fl-ajruport, l-ufficjali addetti mis-sigurta` intebhu bil-pistola u l-munizzjoni. Dak il-hin Sammut irrealizza li kien halla l-pistola u l-*bullets* fil-*briefcase* u mill-ewwel ammetta li kienu tieghu (anzi wissa lill-imsemmija ufficjali li l-pistola kienet *loaded*, kif kien ihalliha, proprju biex joqghodu attenti ma jweggghux huma).

**5.** L-ewwel qorti jidher – jinghad "jidher" ghax ma hux daqstant car mis-sentenza appellata – li lliberat lil Sammut mir-raba' u mill-hames imputazzjoni ghax accettat il-versjoni tieghu li huwa kien nesa kompletament li kellu dawk l-oggetti fil-*briefcase*, u ghalhekk ma kienx konsapevoli tal-presenza taghhom. Mill-liberazzjoni fuq dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma hemmx appell da parti ta' l-Avukat Generali. Kwantu ghas-sitt imputazzjoni, l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tat-8 ta'

---

[2] Jidher li l-appellat kellu xi incidenti ohra ma nies ohra, fosthom Letizia Scicluna u Joseph Muscat (ara l-ewwel stqarrija tieghu a fol. 31), u incident fejn gie aggredit fl-ufficcju tieghu minn certu Francis Micallef (ara d-deposizzjoni ta' P.S. 928 Ramon Mifsud Grech a fol. 94 *et seq.*), izda l-aktar li jidher li kien preokkupat kien minhabba t-theddid ta' Xuereb.

Awwissu 2005 ma ghamel ebda referenza ghall-artikoli relevanti tal-ligi, u ghalhekk l-ewwel qorti, gustament, irriteniet li din l-imputazzjoni kienet qed tigi minnu rtirata. Ghal dak li jirrigwarda, pero`, l-ewwel tliet imputazzjonijiet, l-ewwel qorti lliberat lill-imputat, appellat odjern, ghax irriteniet li fil-konfront ta' dawn l-imputazzjonijiet tapplika l-iskriminanti kontemplata fl-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali. Inoltre rriteniet li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni kienet applikabbli wkoll il-*proviso* tas-subartikolu (1A) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 66.

**6.** Biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha l-ewwel qorti ccitat mill-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo (fejn dan jirreferi ghat-teorija mhaddna mill-awtur Taljan Enrico Pessina) kif ukoll ghamlet referenza ghal zewg sentenzi tal-qrati taghna u senjatament is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gauci** u ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' l-appelli mill-Qorti tal-Magistrati) tas-27 ta' Gunju 1958 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Agatha Barbara, Dr Albert V. Hyzler u Anthony Pullicino**. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, pero`, din il-Qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg sentenzi ma huma ta' ebda ghajnuna ghalbiex wiehed jiddefinixxi l-parametri tal-applikabbilita` tal-Artikolu 33(b), anzi huma rrelevanti ghal kollox ghal dan l-iskop. Is-sentenza fil-konfront ta' Barbara, Hyzler u Pullicino kinet tirrigwarda r-reat ta' *intimidation* kontemplat fl-Artikolu 24(1)(a) tal-Ordinanza IV tal-1945, filwaqt li s-sentenza fil-konfront ta' Gauci kienet tirrigwarda t-theddid kontravvenzjonali. F'ebda wahda minn dawn is-sentenzi ma tqajjmet xi kwistjoni ta' koazzjoni.

**7.** L-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li kull persuna tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali "jekk <u>fil-waqt tal-att</u> jew <u>tan-nuqqas</u>…kienet imgieghla <u>b'forza barranija</u> li <u>ma setghatx tirrezisti ghaliha</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). Diversi sentenzi ta' din il-Qorti kellhom l-okkazjoni jispjegaw l-espressjonijiet "forza barranija" u "ma setghatx tirrezisti ghaliha" – ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Anthony Zammit, Andy Calleja u George Axisa**, 7 ta' Mejju 1996; **Il-Pulizija v. Grazio Spiteri**, 7 ta' Lulju 1997; **Il-Pulizija v. Philip Cauchi**, 10 ta' Mejju 1999;

**Il-Pulizija v. Domenic Cutajar**, 24 April 2002. Fis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Flattley u Rose Flattley** din il-Qorti kienet qalet hekk:

"Hu appena necessarju jinghad li l-'forza barranija' imsemmija fl-Artikolu 33(b) trid tkun tali li l-persuna suggetta ghal dik il-forza 'ma setghatx tirrezisti ghaliha', jigifieri trid tkun forza <u>irrezistibbli</u> u mhux semplicement <u>mhux rezistita</u>. Is-semplici fatt li jkun hemm ordnijiet jew struzzjonijiet moghtija minn persuna lil persuna ohra, anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu nghataw b'insistenza jew determinazzjoni, ma jfissirx li l-persuna li tircevihom tista' tinvoka l-Artikolu 33(b) u tezimi ruhha mir-responsabbilta` penali. Addirittura anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu akkumpanjati b'theddid, ma jfissirx necessarjament li jkun hemm forza barranija <u>irrezistibbli</u> – kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluz in-natura tat-theddid u l-persuna tal-agent attiv u ta' l-agent passiv."

**8.** Importanti hawn hija r-referenza ghall-agent attiv u l-agent passiv. Il-forza barranija imsemmija fl-Art. 33(b) – forza li tista' tkun jew fizika jew, kif normalment aktar ikun il-kaz, forza morali (i.e. theddid), pero` dejjem wahda irrezistibbli – trid tinqara ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 47(a) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 47(a) jipprovdi li "Kull persuna li ggieghel persuna ohra b'forza barranija li din il-persuna l-ohra ma setghetx tirrezisti ghaliha biex taghmel reat…tkun hija stess hatja ta' dak ir-reat bhala awtur." Fi kliem iehor, biex ikun hemm il-figura tal-koazzjoni kontemplata fl-Artikolu 33(b) irid ikun hemm sitwazzjoni fejn wiehed jista' jatribwixxi r-reat effettivament kommess mhux lil min wettqu fil-fatt (l-agent passiv, li jkun ezenti mir-responsabbilta` kriminali ghax koatt) izda lill-agent attiv (min hedded) li allura jsir l-awtur ta' dak ir-reat. Dan neccessarjament ifisser, kif gustament josserva l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu, li jrid ikun hemm konnessjoni <u>specifika u diretta</u> bejn it-theddida (imwettqa mill-agent attiv) u l-att illegali jew reat imwettaq mill-agent passiv. Theddid generali, serju kemm hu serju, minghajr ma jkun dirett proprju biex l-agent passiv iwettaq reat jew

reati partikolari (u b'hekk l-agent passiv ma jkunx kriminalment passibbli, izda jkun passibbli bhala awtur ta' dak ir-reat jew dawk ir-reati l-agent attiv) ma jwassalx ghall-iskriminanti skond l-Artikolu 33(b). Hekk, per ezempju, fil-kaz in dizamina, kif jista' wiehed jghid li Xuereb kien l-awtur ta', per ezempju, ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni? Kien ikun differenti li kieku Xuereb kien hedded lil Sammut li jekk dan ta' l-ahhar ma jipprokuralux arma tan-nar, l-imsemmi Sammut kien ser ibati xi konsegwenzi (u, naturalment, kemm-il darba jikkonkorru l-elementi l-ohra kollha ghad-difiza ta' koazzjoni, inkluza l-irrezistibbilita` tal-forza barranija). Jidher li ftit li xejn il-qrati taghna kellhom okkazjoni li jelaboraw fuq ir-rekwizit tal-konnessjoni specifika u diretta bejn il-forza barranija u r-reat kommess mill-agent passiv, ghax fil-generalita` tal-kazijiet il-forza barranija dejjem kienet diretta biex l-agent passiv iwettaq reat jew reati partikolari. Fil-kaz odjern il-forza barranija, konsistenti f'theddid, ma kienet qatt diretta biex Sammut jikkommetti xi reat partikolari. Sammut, ghax kien mhedded, ghazel, b'att tal-volonta` tieghu (u mhux ghax kien gie priv mill-volonta`) li jzomm il-pistola u l-munizzjoni li gew offruti lilu mill-habib innominat tieghu, izda huwa ma kienx gie mhedded biex b'xi mod jikser id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Armi. Ghalhekk l-iskriminanti tal-koazzjoni, kif kontemplata fl-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali, ma kienitx applikabbli.

**9.** Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kolleggjalment komposta, tal-14 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter** – fejn ukoll il-kwistjoni tal-konnessjoni specifika u diretta bejn il-forza barranija u l-att illegali kommess mill-agent passiv ma kienitx *in issue* – gew imfissra, fuq l-iskorta ta' sentenza precedenti[3], l-erba' rekwiziti (din il-Qorti tippreferi ssejhilhom, l-erba' rekwiziti minimi) li jridu jikkonkorru biex ikun hemm l-iskriminanti tal-koazzjoni. Il-Qorti, fost affarijiet ohra, qalet hekk:

"Fit-tieni lok, trid tkun forza barranija li tigi ezercitata fuq bniedem mhux biss qabel ma hu jaghmel dak li jigi

[3] **Il-Pulizija v. Richard Gauci**, App. Krim., 13 ta' Settembru 2001.

mgieghel li jaghmel kontra l-volonta` tieghu, izda trid tkun tibqa' tissussisti fil-waqt li hu qieghed effettivament iwettaq dak l-ghemil. Ghalhekk, jekk fil-mument li jsir l-att materjali, ma hemmx din il-forza barranija, mhux eskluz l-element formali a bazi ta' l-Artikolu 33(b)."

**10.** Anke a bazi ta' dan ir-rekwizit, din il-Qorti ma tistax tifhem kif jista' jinghad li, fil-kaz in dizamina, hemm l-iskriminanti tal-koazzjoni. Kif inghad l-appellat ghamel xi sena w nofs igorr l-arma mieghu kullimkien fil-*briefcase*. Kull darba li kien johrog din l-arma mir-residenza jew mill-ufficcju tieghu u jmur biha minn post ghal iehor, kien hemm l-element materjali kontemplat fis-subartikolu (1A) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 66. B'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni jew tar-raguni ma jista' jinghad li f'kull wahda minn dawn l-okkazjonijiet kien hemm forza barranija li nnewtralizzat kompletament il-volonta` tal-appellat.

**11.** U anke jekk wiehed jiehu s-silta mill-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo, li rriferiet ghaliha (wiehed ghandu jifhem b'approvazzjoni) l-ewwel qorti, il-konkluzjoni ineluttabbli hi li f'dan il-kaz ma jistax ikun hemm l-iskriminanti tal-koazzjoni. L-insinji professur, jghid hekk:

"Thus, Pessina, for instance suggests that moral coercion excludes criminal responsibility whenever these three conditions exist: a) an imminent danger, b) of a harm which the victim of the threat apprehends as more grievous than the harm to be caused by the offence, and c) which he could not avert except by committing the act contrary to law."

**12.** Din il-Qorti tistaqsi: fejn kien il-perikolu imminenti f'dan il-kaz? Kien hemm, iva, theddid, anke theddid serju, ta' xi haga fil-futur, izda wiehed ma jistax jitkellem dwar perikolu imminenti.

**13.** Thares minn fejn thares, din il-Qorti ma tistax hlief taqbel ma' l-appellant Avukat Generali li f'dan il-kaz ma kienx hemm l-estremi tal-iskriminanti tal-koazzjoni.

**14.** Kwantu għall-*proviso* tas-subartikolu (1A) – li jipprovdi li meta wieħed jikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1A) "minħabba fil-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu innifsu jew ta' ħaddieħor" il-ħati ma jeħel ebda piena – din il-Qorti wkoll taqbel ma' l-appellant li din id-disposizzjoni f'dan il-kaz ma kienitx tapplika. Jibda biex jingħad li dan il-*proviso* jeżenta biss mill-piena – il-persuna li tkun tibqa' xorta waħda ħatja tar-reat kontemplat fis-subartikolu (1A) iżda ma teħel ebda piena[4]. L-espressjoni "bżonn attwali" hija l-istess espressjoni wżata mill-leġislatur fl-Artikolu 223 li jitratta dwar il-leġittima difiża f'kaz ta' omiċidju jew offiża fuq il-persuna. Issa, huwa paċifiku li l-espressjoni "bżonn attwali" tfisser bżonn ta' dak il-ħin stess, proprju għax dak il-ħin tkun qamet (mhux dalwaqt tkun ser tqum, jew fil-futur tista` tqum) in-neċessita` li wieħed jiddefendi lilu nnifsu jew lil ħaddieħor. Kjarament fil-kaz in diżamina ma kienu f'ebda ħin jeżistu l-estremi tal-leġittima difiża u, per konsegwenza, anqas kien applikabbli l-imsemmi *proviso*.

**15.** Isegwi, għalhekk, li l-appellat kellu jinstab ħati skond l-ewwel tliet imputazzjonijiet. U din il-Qorti hekk ser tiddikjarah ħati.

**16.** Kwantu għall-piena, din il-Qorti tista' tifhem u tapprezza li dak li jkun jista' jħossu mhedded, anke serjament, speċjalment jekk it-theddid ikun ġej minn persuni ta' karattru xejn ħelu. Mill-banda l-oħra din il-Qorti hi konvinta li l-appellat seta', kieku verament ried, ħa diversi misuri oħra – cioe` apparti li joqgħod jiġri b'arma tan-nar mhux liċenzjata – biex jimminimizza kwalsiasi periklu li huwa kien qed jara. L-appellat, għal raġuni li ma tirriżultax daqstant ċara mill-atti, jidher li kellu antipatija lejn il-pulizija; pero` anke jekk dawn, min-naħa tagħhom, setgħu naqsu fl-approċċ tagħhom għall-problemi li hu kien jemmen li kellu, xorta waħda jibqa' l-fatt li hu għażel it-triq tal-vjolazzjoni tal-liġi minflok toroq oħra (bħal, per eżempju, li jassigura li kull fejn imur, speċjalment bil-lejl, ikun dejjem akkumpanjat – ħaġa li mill-esperjenza wieħed

[4] Disposizzjoni simili wieħed isibha fil-*proviso* tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 227 tal-Kap. 9.

jista’ jghid li mhix daqstant difficli ghal avukati u nutara kif ukoll ghal hafna u hafna nies ohra). Mill-banda l-ohra hawn ghandna persuna ta’ kondotta altrimenti impekkabbli, u li certament ma kienx qed igorr l-arma ghal xi skopijiet nefasti. Ghalhekk hemm lok li l-piena tkun fil-minimu taghha. U peress li f’dan il-kaz mhux applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation*, il-piena ta’ prigunerija li ser tigi inflitta sejra tigi sospiza skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

**17.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-appellat Dr Mark Anthony Sammut gie lliberat mill-ewwel tliet imputazzjonijiet u minflok, wara li rat l-Artikoli 3(1)(1A) (inkluz il-*proviso* tas-subartikolu (1)) u 9(1)(3) tal-Kap. 66, issibu hati skond l-ewwel, skond it-tieni u skond it-tielet imputazzjoni kif indikati fil-bidu ta’ din is-sentenza, u tikkundanna lill-imsemmi Dr Mark Anthony Sammut, dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, multa komplessiva ta’ mija w erba’ euro u tmien centezmi (€104.8) (konvertibbli f’disat ijiem prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi) kif ukoll tikkundannah, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, xaharejn (2) prigunerija liema piena, b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, qed tigi sospiza ghall-perjodu ta’ sena mil-lum; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Galadarba l-appellat ghazel – kif kellu dritt li jaghmel stante li l-appell hu tal-Avukat Generali – li ma jidhirx ghall-udjenza tal-lum, mhix applikabbli d-disposizzjoni tas-subartikolu (4) tal-imsemmi Artiklu 28A. Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (8) tal-istess Artikolu 28A. Finalment il-Qorti tordna li kopja ufficjali ta’ din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Avukat Generali sabiex dan jiehu hsieb li din tigi, ghal kull buon fini biss, notifikata lill-appellat permezz tad-disposizzjonijiet ta’ wiehed mit-trattati indikati fin-nota tal-istess Avukat Generali tas-17 ta’ Settembru 2009 a fol. 515 tal-attijiet ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------